MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 92

It-Tlieta, 17 ta' Lulju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 92.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**92.1.1** Is-Sindku informa lill-membri li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**92.2.1** Il-minuti tal-laqgħa Numru 91 (wieħed u disgħin) li saret fil-25 ta' Ġunju, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 92.3 Korrezzjonijiet

92.3.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-91 Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill

## 92.4 Punti mqajma mill-minuti

**92.4.1** Minuta 91.2.2.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li għal kors tal-Ewwel Għajnuna applikaw 13-il resident bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati ser issir fis-7 t'Awwissu 2018.

**92.4.2** Minuta 91.2.2.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li mill-aħħar laqgħa kien hemm żvolta u ser issir laqgħa fit-30 ta' Lulju 2018.

**92.4.3** Minuta 91.2.2.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li van irid jingħata service sabiex ikun jista jittella għal VRT

**92.4.4** Minuta 91.5.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita relatata mal-Lejla Folkloristika ma setgħetx tinbidel id-data proposta invista li kienu diġa mistiedna xi għannejja għal dan l-avveniment.

## 92.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

**92.5.1** Is-Sindku informa lill-Membri li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Clinton Grima li għandu sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Brunzar. F'dan ir-rigward is-Sur Grima talab sabiex jitpoġġew 2 blokki fuq kull naha u titwaħħal ix-xatba fuq il-bankina sabiex ikun evitat kull periklu dan għaliex jekk jinbena l-ħajt fit-tarf tal-bankina jkun facli li jċedi u jaqa' kollox għal-isfel.

Il-membri qablu unanimament.

**92.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-bandla imkissra fil-playground ta' Guze Flores. Is-Sindku qal li l-insurance Brokers tal-Kunsill, MUIB, infurmawna li tista' ssir *claim* minn naħa tagħna għaliex l-ispiża hija koperta mill-assikurazzjoni. Wara li l-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet irrizulta li l-ispiza tammonta għal €215 u għaldaqstant il-Kunsill irrid jivverifika li ġaladarba nkunu għamilna l-claim kemm ser ikun il-premium is-sena id-dieħla. Għaldaqstant is-Sindku qal li l-aħjar l-ewwel naraw kemm ser jogħla il-premium ħalli jekk il-premium jiżdied aktar milli tiswa il-bandla ma jkunx dejnu li ssir il-*claim* iżda li l-Kunsill iħallas għat-tiswija ta' din il-bandla.

Il-membri qablu unanimament.

**92.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri fuq ir-rapport li il-Kunsill jirċievi dwar il-kundizzjoni tal-*playing fields* fejn qed jirrizulta li hemm xi ħsarat konsiderevoli u għaldaqstant trid issir manutenzjoni immedjata. F'dan ir-rigward il-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet fuq il-manutenzjoni u l-partijiet li jridu jinbidlu. Wara diskussjoni l-membri iddeċidew li l-Kunsill jmur għall-irħas kwotazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

**92.5.4** Is-Sindku nforma lill-Membri dwar il-liġi l-ġdida tal-GDPR sabiex il-Kunsill jara jekk id-dokumenti li fihom informazzjoni fuq individwi iridux ikunu distrutti minħabba l-fatt li jista' jkun li f'din il-liġi hemm stipulat li wara ċertu snin entita' ma tistax izomm dokument bl-informazzjoni ta' individwi. Wara diskussjoni s-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu sabiex ninfurmaw lid-Dipartiment dwar kif il-Kunsill jista' jipproċedi b'dawn id-dokumenti.

Il-membri qablu unanimament

**92.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu talba mingħand is-sidien tal-imħazen li hemm fi Triq Patri Franġisk Grech sabiex it-triq tiġi kollha double yellow line minħabba l-fatt li ħaddiema ta' diversi entitajiet u ażjendi qed jipparkjawlhom il-vetturi quddien l-imħażen tagħhm b'konsegwanza li mhux qed ikunu jistgħu joperaw. Wara diskussjoni jien hemm qbil unanimu mill-membri sabiex il-Kunsill jagħmel applikazzjoni ma Transport Malta b'din il-proposta.

## 92.6 *Rapporti/Korrispondenza*

**92.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand Resin and Membrane sabiex issir modifikazzjoni tal-bankina minħabba l-fatt li forklifter mhux qed ikun jista' jimmanuvra sabiex id-daħħal ix-xogħol fil-ħanut tant li kien hemm aċċident fejn setgħu weġġħu n-nies. Is-Sindku kompla qal li meta wieħed jikkunsidra il-periklu ta'dan il-materjal jemmen li hemm bżonn issir din il-modifikazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

**92.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand Bargain and Quality ta' triq il-Kbira San Ġużepp sabiex issir *Loading/Unloading*.

Il-membri qablu unanimament li tintbagħat l-applikazzjoni lil Transport Malta.

92.6.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċieva talba mingħand Little Munchkins Childcare Centre sabiex jinbidlu l-ħinijiet ta' "Alighting Boarding Bay". Wara diskussjoni l-Membri qablu li din Childcare Centre għandha jkollha l-istess ħinijiet bħal tal-Kid Start cioe: bejn 07:00 sa 10:00 u bejn 12:30 sa 15:00

Il-membri qablu unanimament.

## 92.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**92.7.1** Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-Bus Shelters fil-lokalitajiet, fejn sar qbil bejn l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kumpanjia Faces fuq proċedura li għandha tiġi addotata sabiex jitħaffef kemm jista' jkun il-process ta' talbiet għall-Bus Shelters ġodda f' siti li jaqgħu fil-konfini tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll tiswija ta' ħsarat.

Il-Procedura għal Kunsill Lokali li jkun jixtieq jinstalla Bus Shelter ġdid, għandu jagħmel talba formali lil AKL, biex l-Assoċjazzjoni tkun tista' tmexxi l-applikazzjoni l-Kunsill irid jibgħat id-dokumenti kollha mitluba skond il-formola. Jekk l-Assoċjazzjoni jkollha dokumenti pendenti l-proċess tal-applikazzjoni jieqaf sakemm il-Kunsill jibgħat dak li hu mitlub. Il-Kumpanija tieħu ħsieb tapplika għal permessi kollha neccessarji mall-PA u TM. Wara dan il-process, l-Kumpanija tagħmel kuntatt mal-Assoċjazzjoni appena jkollha l-approvazzjonijiet meħtieġa. Hekk kif il-Bus shelter ikun gie nstallat, kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll il-Kkmpanija, għandhom jinfurmaw lil AKL b' dan sabiex dak il-każ partikolari jigi dikjarat bħala magħluq.

Wara diskussjoni s-Sindku flimkien mal-membri qablu unanimament sabiex issir bus shelter fi Triq il-Kapillan Mifsud quddiem il-Lidl u jsiru 2 bus shelters oħra fi Triq il-Kanun - waħda quddiem St. Michael School u l-oħra faċċata tal-viċinanzi tagħha.

**92.7.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kuntrattur Central Asphalt bħalissa għandu ħafna xogħol minħabba l-fatt li f'Malta qed isir bini ġdid ta' diversi Toroq Arterjali. F'dan ir-rigward il-Kuntrattur mhux qed ilaħħaq mad-domanda tagħna. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li l-Kuntratt eżistenti m'għandu l-ebda klawżoli li tipprojbixxi milli l-Kuntrattur iqabbad kumpanija oħra f'ismu biex isir ix-xogħol rikjest mill-Kunsill, F'dan ir-rigward is-Sindku qal li hu tal-parir sabiex ċertu xogħol ta' bankini u xogħol ieħor żgħir ikun jista' jsir b'dan il-mod bl-importanza li rresponsabilta' tax-xogħol li jsir tibqa' tgħajjat lil Central Asphalt. Ġie sostnut li l-bini mill-ġdid ta' toroq u bankini jridu jsiru minn Central Asphalt sakemm ma jiġix xolt il-kuntratt.

Wara diskussjoni bejn il-membri kollha is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

**92.7.3** Is-Sindku ppropona li apparti mix-xogħol infrastrutturali li kien deċiż fl-laqgħat preċedenti huwa tal-ħsieb li jsiru wkoll il-bankini ta' parti minn Triq il-Kanun (minn Triq il-Parroċċa titla l'fuq) u ta' Triq il-Kappillan Mifsud konfini Santa Venera. Kien hemm qbil ukoll sabiex isir l-upgrading tas-soft area ta' Triq il-Kanun kif kien ġie deċiż diversi xhur ilu.

Il-membri qablu unanimament

92.7.4 Is-Sindku qal li irċieva talba mingħand Rocky Ironmonger sabiex ikollu permess mill-Kunsill sabiex jkun jista' jqabbad is-sistema tad-drenaġġ tal-binja l-ġdida tiegħu li għandu fi Triq il-Madonna tal-Karmnu. Is-Sindku issuġġerixxa li tingħata l-approvazzjoni biss kemm il-darba ix-xogħol tal-asfaltar isir mill-Kuntrattur tal-Kunsill jew inkella kif ġie deċiż minn kumpanija oħra li tkun qed tagħmel ix-xogħol f'isem Central Asphalt.

Il-membri qablu unanimament.

## 92.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-Laqgħa ma ġewx preżentati minuti jre rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 92.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 92.10 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 205 sa 243.

| | |
|---|---|
| 205 | Transport Malta |
| 208 | Mica Med |
| 209 | Tinħareġ WO |
| 210 | Kunsill isaqsi lil min għamel it-talba biex naraw fejn irid li ssir |
| 211 | Central Asphalt |
| 215 | Sid ma jridx li titwaħħal mal-faċċata tiegħu |
| 219 | Rifjutata |
| 222 | Transport Malta |
| 224 | Grima & Sons |
| 225 | Contract Manager |
| 226 | Approvata |
| 228 | Rifjutata |
| 229 | Contract Manager |
| 232 | Ħaddiema Assejnati |
| 233 | Kunsill Ħamrun |
| 236 | Mica Med |
| 237 | Kunsill jikteb ittra lis-Sid |
| 238 | Ma tistax issir minħabba li s-Sid tal-garaxx ta' faċċata ma jistax jkkwartja |
| 242 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 243 | Rifjutata peress li diġa hemm waħda fil-viċinanzi |

## 92.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Awwissu, 2018, fis-6.30pm

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu, 2018

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv